MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1443/2002

**Agius Stone Works Limited**
**VS**
**John Zammit**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-cittazzjoni** li permezz taghha is-socjeta' attrici ippremettiet illi:

Premess illi l-konvenut John Zammit, permezz ta' ftehim t'appalt (Dok A anness) inkariga lis-socjeta' attrici biex tesegwixxi xogholijiet ta' bini, kostruzzjoni u xoghol ancillari iehor gewwa l-bini kummercjarli maghruf bhala 'Pizza La Vista' jew 'Lo Squero' Pasta House, Haywharf, Floriana.

Premess ukoll illi l-konvenut jew is-socjeta' konvenuta huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' sbatax il-elf, disgha mija u tnejn u ghoxrin lira maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm17,922.62) rapprezentanti bilanc minn somma akbar valur ta' kuntratt ta' xoghol ta' bini, kostruzzjoni u xoghol ancillari iehor u liema xoghol gie esegwit mill-attrici fil-fond maghruf bhala 'Pizza La Vista'' Pasta House jew ukoll Lo Squero Restaurant gewwa Haywharf, Floriana;

U Premess illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u skadut skond il-Ligi, u huwa dovut fl-intier tieghu mill-konvenut lis-socjeta' attrici u dana kif sahansitra certifikat mill-perit Mannie Galea, inkarigat mill-konvenut skond il-kopja tal-kont hawn anness u mmarkat Dokument 'B';

U Premess illi l-konvenut ghalkemm interpellat sabiex ihallas dan id-dejn baqa' inadempjenti;

U Premess illi s-socjeta' attrici taf li l-konvenut m'ghandhux eccezzjonijiet validi x'jaghti kontra din it-talba;

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1. Tordna d-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 et seq. tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u

2, Tikkundannah sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sbatax il-elf, disgha mija u tnejn u ghoxrin lira maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm17,922.62) fuq imsemmija;

Bl-ispejjes bl-imghaxxijiet kummercjali dekoribbli mit-22 ta' Dicembru 2000 sal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici a fol.3 tal-process:

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut John Zammit a fol.18 tal-process fejn eccepixxa :-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil fatt u fid-dritt u l-ammont preciz mhux dovut, u dan stante illi, kif jirrizulta anke mid-dokumentazzjoni pprezentata mis-socjeta’ attrici stess, u senjatament mill-iskrittura u l-istima relattiva, immarkati bhala Dok.A, il-ftehim bejn il-kontendenti kien illi x-xogholijiet de quo kienu jiswew madwar sittax-il elf mija u erbatax il-Lira Maltin u hmistax –il centezmu (Lm6,614.15), mentri l-ammont pretiz mis-socjeta’ attrici llum, wara illi wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-ammonti diga mhallsa mill-eccipjenti, jammonta komplessivament ghal disgha u tletin elf Lira Maltin disa’ mija u tnejn u ghoxrin Lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm39,922.62), li jmur ferm oltre sahansitra id-doppju tal-prezz pattwit bejn il-partijiet.

2 illi l-eccipjenti qatt ma kellu l-ebda oggezzjoni illi jhallas l-ammont ghal xoghol illi jirrizulta illi effettivament sar, u fil fatt diga’ hallas l-ammonti illi komplessivament jeccedu l-prezz pattwit bejn il-partijiet, u f’dan ir-rigward, l-istess eccipjenti qieghed minn issa jirrizerva l-posizzjoni tieghu ghal kull azzjoni lilu spettanti ghar-rimbors ta’ ammonti mhallsa lis-socjeta’ attrici indebitament.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-degriet a fol. 17 li bih gie nominat il-perit Joseph Ellul Vincenti;

Rat ir-relazzjoni tal-perit nominat a fol. 68 et seq;

Rat ir-rikors, risposta u degriet a fol. 153 et seq;

Rat l-eccezzjonijiet ulterjuri a fol. 161;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw l-eccezzjonijiet ulterjuri;

## KONSIDERAZZJONIJIET

Fl-eccezzjonijiet ulterjuri il-konvenut John Zammit eccepixxa:

1. Illi l-azzjoni hija preskritta a termini ta' l-artikolu 2149(a) tal-Kap 16;

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponent la kellu, u lanqas ghandu, ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici, u dana stante li, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, huwa kien qieghed jagixxi ghan nom tas-socjeta' FINRAC Ltd.

## Provi

L-attur xehed li hu gie mqabbad mill-konvenut jaghmel dana x-xoghol u l-kumpanija FINRAC qatt ma ssemmiet u lanqas kien jaf biha. Hu kien iffirma l-kuntratt ta' xoghol ma' John Zammit u c-cheques kien jaghtihomlu l-konvenut pero' ma jiftakarx jekk dawn sarux f'isem xi kumpanija. L-ewwel li kien gie avvicinat kien mill-perit Mannie Galea u dan qatt ma semmilu kumpaniji.

Perit Mannie Galea xehed li fuq il-kuntratt a fol. 130 Dok MG1 u l-kuntratt Dok A a fol 5 jidher John Zammit bhala sid u l-kont hareg fuq John Zammit. Meta imbaghad intalab johrog ir-rivizjoni tal-kont u hareg id-Dok a fol 9 ( u 133) l-kont hareg fuq isem il-kumpanija Finrac billi f'dak iz-zmien John Zammit kien infurmah li kellu kumpanija u talbu biex johrog il-kont fuq il-kumpanija. Lill attur imbaghad infurmah meta ghamel dik ir-rivizjoni tal-kont. Hu hareg il- rivedut f'isem FINRAC fl-ahhar meta x-xoghol kien diga tlesta. Il-kuntratt originali pero' baqa' dejjem l-istess. Fuq il-post in kwistjoni ma kienx jaf li l-konvenut kien qed jidher ghal xi kumpanija. Il-kuntratt sar

ma John Zammit bhala sid u kieku l-konvenut ried li l-kuntratt isir fuq kumpanija kien inizzel hekk ghax ghalih ma taghmilx differenza.

Il-konvenut xehed li kien qabbad lill Perit Galea f'isem Finrac Co.Ltd. Il-pagamenti kienet taghmilhom il-kumpanija Finrac. Hu kien ircieva ittra ufficjali fl-indirizz personali tieghu on behalf of Finrac (Dok a fol 155). Hu kien iffirma d-dokument a fol 5 bhala sid. F'dan il-kuntratt huwa jidher f'ismu proprju u Finrac ma ssemmiet qatt. Fid-dokument a fol 7 jidher John Zammit u mhux Finrac. Il-kont a fol 43 Dok JZ2 hareg fuq isem John Zammit bhala sid. Hu ghamel pagamenti anke permezz tal-kumpanija Racfin meta l-kumpanija Finrac giet dormant. Fid-dok a fol 9 (Rivizjoni ta' kont) jidher John Zammit ghan nom ta' Finrac.

**Konsiderazzjonijiet ta' dritt**

L-Artikolu 998 tal-Kodici Civili jenuncja il-principju li ghandu dejjem "*jitqies illi wiehed wieghed jew ftiehem ghalih innifsu ….. meta l-kuntrarju mhux stabbilit espressament mil-ligi, jew mill-partijiet fil-ftehim, jew ma jkunx jidher mix-xorta tal-ftehim*."

Imbaghad l-artikolu 999 li jsegwi jghid espressament li "*Hadd ma jista' b'kuntratt f'ismu jobbliga ruhu jew jikkuntratta* <u>*hlief ghalih innifsu."*</u>

Inoltre, il-ligi tezigi illi kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi ezegwita in buona fede (Art. 993 Kap 16).

**Konsiderazzjonijiet**

Fit-tieni eccezzjoni ulterjuri tieghu l-konvenut John Zammit eccepixxa li hu, la kellu, u lanqas ghandu, ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici, u dana stante li huwa kien qieghed jagixxi ghan nom tas-socjeta' FINRAC Ltd.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kuntratt ta’ xoghol originali sar bejn l-atturi u l-konvenut John Zammit personalment, u l-kumpanija Finrac Co Ltd imkien ma tidher jew tissemma. Kieku l-konvenut ried li hu jidher ghan nom ta’ xi kumpanija hu kellu jinsisti li fuq il-kuntratt jidher ghan nom tal kumpanija u mhux personalment. Il-konvenut hu negozjant u dan mhux l-ewwel kuntratt ta’ xoghol li ghamel ghalhekk ma messu qatt iffirma kuntratt kif iffirmah kieku ried li hu jidher f’vesti ohra.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza *Appell E. Borg et noe vs R. Schembri tat- 28 ta' Mejju 1973* **“**Il-kwistjoni kollha hi f’liema kwalita' ghamel l-ordnijiet il-konvenut. Kien dover tieghu li jaghmilha cara, kemm il-darba ried li hu personalment ma jkunx responsabbili, li hu kien qed jaghmel l-ordni ghan nom tal-kumpanija. Altrimenti tapplika r-regola li wiehed jikkontratta ghalih innifsu u hekk ghandu dritt li jahseb u jirretjeni l-kontrajent l-iehor.

Dan kollu gie konfermat mill atturi u mill-perit Mannie Galea imqabbad mill-konvenut stess. Il-Perit Galea ikkonferma aktar minn darba quddiem dina l-Qorti li l-kuntratt originali sar mal-konvenut personalment u mhux ma xi kumpanija u l-kont rivedut li hareg sar fuq isem il-kumpanija FINRAC fuq insistenza tal-konvenut u l-atturi ma kienu jafx xejn b’dana hlief wara li gew infurmati mill-istess Perit u dana wara li x-xoghol kollu kien sar. Il-kuntratt originali ma ntmissx.

Dwar is-sottomissjoni tal-konvenut li hu kien ghamel pagamenti permezz tal-kumpaniji Finrac u Racfin dana l-fatt pero’ ma jibdilx il-posizzjoni li nholqot bejn l-atturi u l-konvenut personalment. Skond l-artikolu 1148 tal-Kodici Civili “*l-obbligazzjoni tista’ wkoll tigi mitmuma bil-hlas maghmul minn terza persuna li anke ma jkolliex interess fih”.* Ghalhekk f’dan is-sens ukoll l-ewwel eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut ma tistax tigi milqugha billi l-konvenut kien ghamel pagamenti li nterrompew il-preskrizzjoni tramite l-kumpaniji tieghu.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut.
Bl-ispejjez kontra tieghu,
U tiddifferixxi l-kawza ghal finali trattazzjoni ghall-21 ta' Novembru, 2005.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------